MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1129/2003

**George Mifsud**

**vs**

**Anthony Baldacchino li jiggestixxi d-ditta 'ABS Auto Dealers'**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn George Mifsud, li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha premessi, talab lil din il-Qorti:

Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat u responsabbli sabiex jikkonsenja lill-attur iz-zewg pjanci ossia 'number plates' 'SWT - 085', il-'log-book' u l-'ispare key' relattivi ghall-vettura tal-ghamla 'Peugeot 206 Xline 1.4HD' illi ghandha 'engine number' 10FD320405007 u

'chassis number' VF32C8HXF43290806 mibjugha u kkonsenjata mill-konvenut lill-attur;

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti huwa jikkonsenja lill-attur iz-zewg pjanci ossia 'number plates' 'SWT – 085', il-'log-book' u l-ispare key' relattivi ghall-vettura tal-ghamla 'Peugeot 206 Xline 1.4HD' illi ghandha 'engine number' 10FD320405007 u 'chassis number' VF32C8HXF43290806 mibjugha u kkonsenjata mill-konvenut lill-attur;

Tikkundanna lill-konvenut sabiex jaghmel dak kollu talvolta mehtieg u necessarju sabiex l-attur ikun jista' jaghmel uzu effettiv tal-imsemmija vettura ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat sabiex idawwar fuq ismu l-vettura tal-ghamla 'Fiat Uno' bin-numru ta' registrazzjoni 'EAQ – 281' ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti huwa jdawwar fuq ismu l-vettura tal-ghamla 'Fiat Uno' bin-numru ta' registrazzjoni 'EAQ – 281' ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Tiddikjara illi ghar-ragunijiet kollha iktar 'il fuq esposti, il-konvenut ikkawza u qieghed jikkawza danni lill-attur;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi; u

Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur dik is-somma in linea ta' danni kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Ottubru 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess George Mifsud.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Baldacchino, li in forza taghha, eccepixxa illi:

L-azzjoni attrici kif proposta hija nulla u irrita stante illi l-gudizzju ma jistax ikun integru peress illi l-mara tal-attur ma gietx inkluza bhala parti fil-kawza, meta t-transazzjoni mertu tal-kawza odjerna kienet tirrigwarda att straordinarju gravanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-attur u martu.

Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici kif postulata hija nulla u dan peress illi l-vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni EAQ 281 mertu ta' din il-kawza ma kinitx proprjeta' tal-attur, u ghalhekk l-attur ma jistax jitlob li vettura li ma hix registrata fuqu tigi trasferita ghal fuq l-esponenti, u ghalhekk isegwi li in kwantu ghall-vettura in kwistjoni u t-talbiet relatati, l-attur m'ghandux interess guridiku.

Inoltre jigi rilevat illi l-esponenti gia intavola kawza konnessa mal-mertu ta' din ic-citazzjoni fl-ismijiet inversi, u cioe' *Anthony Baldacchino vs George Mifsud et* (Avviz No. 539/2003 JAB) u dan sabiex il-pretensjonijiet tieghu jigu rezi ezekuttivi.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi n-negozju li sar da parti tal-attur sar in mala fede, u bil-ghan illi jinganna u jqarraq bl-esponenti, b'tali mod illi l-esponenti inghata vettura b'difett latenti ta' entita' li tirrendi l-vettura mhux *road-worthy*, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In kwantu ghall-ewwel u t-tieni talba jinghad illi l-eccipjenti ezonora ruhu minn kull responsabilita', u dan peress illi kif jaf ben tajjeb l-attur, in-*number plates* in kwistjoni gew depozitati taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti qabel ma

giet intavolata l-kawza odjerna, u kien l-attur illi ghazel illi ma jirtirax l-oggetti mobbli kif depozitati.

Isegwi ghalhekk illi l-eccipjenti ma kkaguna l-ebda danni lill-attur, u dan peress illi l-attur kien konxju tal-fatt illi wahda mill-vetturi li ttrasferixxa kienet difettuza, u ghalhekk, se mai, l-eccipjenti illi sofra danni, peress illi nghatatlu vettura li ma tistax tintuza.

Isegwi inoltre, li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur, u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux jigi kkundannat ihallas danni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenut.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u ezaminat ix-xhieda hemm prodotta.

Semghet xhieda viva-voce.

Rat li, ghalkemm il-partijiet inghataw il-fakolta' li jressqu sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, dawn naqsu milli juzufruwixxu minn din l-istess fakolta'.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-kawza odjerna hija dwar negozju ta' tpartit li dahlu fih il-partijiet, fejn il-konvenut ghadda lill-attur, vettura tal-marka Peugeot u l-attur ghadda lill-konvenut zewg vetturi, wahda tal-marka Fiat Uno u l-ohra Ford Fiesta. Hallas lilu ukoll somma ta' Lm3020. Jirrizulta illi wara li kien ga gie effettwat it-transfer tal-imsemmija Ford Fiesta, il-konvenut skopra li din kienet imsewwija wara incident b'mod li lilu ma ghogbux, ghaliex fil-fatt kien inbidlilha n-nofs ta' quddiem kollu. Minhabba f'hekk huwa ddecieda li ma jikkonsenjax lill-attur in-number plates tal-Peugeot li kien biegh lill-istess attur. L-attur, ghalhekk, fetah dawn il-proceduri, li ghalihom, il-konvenut qed jilqa' l-ewwelnett

billi jsostni li mart l-attur kellha tkun parti fil-kawza; isostni li l-Fiat ma kinitx fil-fatt tal-attur; li kien hemm proceduri ohra dwar l-istess mertu u li l-vettura Fiesta ma kinitx *roadworthy*.

Il-Qorti tibda biex tikkonsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Dwar din l-eccezzjoni ma ngabu lill-Qorti ebda provi u lanqas ma saru ebda sottomissjonijiet. Tenut kont tal-principju li min jallega ghandu jipprova, il-Qorti ghalhekk tqis l-allegazzjoni fiha kontenuta bhala mhux pruvata u qed tichadha.

Fit-tieni eccezzjoni, il-konvenut isostni li l-Fiat Uno ma kinitx registrata fuq l-istess attur u ghalhekk jonqos l-interess guridiku fir-rigward. Il-Qorti m'hijiex ser tiddilunga fil-materja ta' interess guridiku o meno fir-rigward ta' din il-vettura stante li, fil-mori tal-kawza, il-karozza, li kienet registrata f'isem iben l-attur giet effettivament trasferita u registrata f'isem l-istess konvenut. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li kien hemm rinunzja tal-istess eccezzjoni.

Il-konvenut isemmi ukoll proceduri gudizzjarji pendenti dwar l-istess negozju, proceduri istitwiti mill-konvenut fil-konfront tal-attur. Jirrizulta pero' li dawn il-proceduri ma kellhom ebda ezitu stante li, kif jghid l-istess konvenut:

"*Nixtieq nghid ukoll illi jien kont inkarigajt lill-Avukat tieghi sabiex jaghmel kawza lill-attur sabiex jitnaqqas il-prezz tal-Fiesta minhabba d-difett li kellha, din kienet saret, izda ma rnexxietx minhabba difett procedurali.*"

Ma nghataw ebda dettalji dwar dawn il-possibli proceduri u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda ukoll.

Fir-raba' eccezzjoni tieghu, il-konvenut iqajjem il-kwistjoni li l-vettura kellha difett latenti li rrendiha mhux *roadworthy*. Issa huwa ben stabbilit illi kaz ta' difett latenti, anke meta pruvat, ma jistax jitqajjem bhala eccezzjoni. Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Sultana et vs Borg Cardona et**" (Imhallef T. Mallia, deciza fid-19 ta' Frar 2004):

"*L-istess principju huwa stabbilit anke f'kaz ta' difetti latenti. L-ao redhibitorja li twassal ghat-thassir tan-negozju, dak li donnu xtaqu l-konvenuti ma tistax tintlaqa' jekk ix-xerrej ikun zamm ghandu l-oggett ("Vella vs Mifsud" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Novembru 1990). Filwaqt li l-azzjoni aestimatorja tista' ssir bl-oggett jibqa' f'idejn ix-xerrej, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Abela", deciza fil-5 ta' Marzu 1999, iz-zewg azzjonijiet imsemmija jridu jsiru fiz-zmien li tistabilixxi l-ligi bhala citazzjoni partikolari bit-talba relattiva, u ma jistghux jitqajmu bhala eccezzjoni meta bejjiegh ikun wasal li jitlob il-hlas minghand ix-xerrej (ara ukoll "Dalli vs Patiniott", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000). Hekk ukoll fil-kawza "Briffa et vs Roger Satariano and Sons Ltd", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju 1997, intqal li f'kaz ta' difett f'oggett mibjugh, ix-xerrej ma jistax kapriccozament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni.*"

Fil-kaz in ezami, dan huwa proprju dak li qed jittenta jaghmel il-konvenut. L-attur qed jagixxi fil-konfront tieghu biex iwasslu jerfa' l-obbligazzjoni minnu assunta u l-konvenut qed isostni li l-vettura difettuza. Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza, estensivament citata fil-fuq imsemmija sentenza, il-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni ukoll.

L-attur qieghed jirreklama ukoll danni. Huwa jikkonferma bil-gurament illi l-agir tal-konvenut irrekalu danni, konsistenti fil-hlas ta' kiri ta' karozza u spejjez relatati mal-igaraxxjar tal-Peugeot. Fix-xhieda tieghu huwa jikkonferma li l-karozza qeghda fil-garage tieghu stess. Ghalkemm isemmi li gieli kera l-garage space lil terzi, ma gab ebda prova ta' dan. Anzi, jghid li fil-garage tieghu jzomm il-karozzi tieghu u tat-tfal. Ghalhekk, il-Qorti m'hijiex ser tqis il-kera tal-garage ghall-fini tal-ispejjez.

Ghar-rigward tal-kiri tal-karozza xehed Victor Sammut li kkonferma li kera lill-attur karozza ghall-hlas ta' Lm5.75 (sussegwentement Lm5.90) kuljum mill-21 ta' Ottubru

2003 sal-ahhar tas-sena 2004. Huwa jghid ukoll illi sussegwentement xtara karozza bil-prezz ta’ Lm1000 minflok ihallas kiri ta’ karozza. ma gew prezentati ebda ricevuti, la tal-kiri tal-karozza u lanqas tax-xiri tal-karozza Hyundai. Lanqas ma ngabet lill-Qorti ebda prova li l-valur tal-vettura naqas sostanzjalment minhabba n-nuqqas ta’ uzu. Fin-nuqqas ta’ konteggi u prospetti precizi, il-Qorti qieghda tiffissa l-ammont ta’ danni “*arbitrio boni viri*” fl-ammont ta’ €4000.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ l-ewwel talba tal-attur; tilqa’ t-tieni talba; tilqa’ t-tielet talba; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba; tilqa’ s-sitt talba; tilqa’ s-seba’ talba u tillikwida l-ammont ta’ danni fl-ammont ta’ erbat elef Ewro (€4000); tilqa’ t-tmien talba u tikkundanna lil Anthony Baldacchino ihallas lil George Mifsud is-somma ta’ erbat elef Ewro (€4000), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Anthony Baldacchino.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------